# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 10**

**Citazzjoni numru 791/04 LSO**

**George Grixti**

**v.**

**Josephine Micallef u Mary Carmen Mangion f'isimhom propju u bhala unici eredi tal-mejjet Crispino Mangion**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' April 2013 li permezz taghha l-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u allura cahdet it-talbiet attrici.

Ghall-ahjar intendementi qed jigu riprodotti l-brani saljenti ta' dik is-sentenza:

"**I. PRELIMINARI.**

"Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' Ottubru 2004 fejn esponiet: -

"Illi b'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-attur ippremetta illi b'kuntratt tal-20 ta' Awwissu 1949 pubblikat min-Nutar John Micallef Trigona, Anna Borg l-awtrici tal-istanti, ikkoncendiet b'titolu ta' sullokazzjoni lil Crispino Mangion il-fond numru 76/77 South Street, Valletta flimkien mal-avvjament, permessi u attrezzaturi ezistenti fl-istess fond kif deskritti fl-inventarju anness mal-istess Att;

"Illi din is-sullokazzjoni saret ghal-periodu ta' erba' snin mis-17 ta' Awwissu 1949 rinnovabili dan it-terminu minn erba' snin ghal erba' snin; peress li l-kontraenti ftehmu illi jirrinovaw dawn il-perijodi kollha ta' erba' snin li jibdew meta l-komparenti Borg tkun ghadha hajja u fl-istess hin ikkkontrattw li jestendu z-zmien ta' dan it-terminu (originali jew rinnovat) li matul il-kors tieghu l-komparenti lokatrici Borg tmut, ghal tliet snin u nofs ohra dekoribili mid-data tal-mewt taghha; peress li Anna Borg mietet fl-1 ta' Dicembru 1975 u b'testment taghha innominat lill-attur bhala uniku eredi universali taghha;

"Illi skont l-imsemmi kuntratt il-lokazzjoni imsemmija skadiet fl-1 ta' Gunju 1979; u peress illi l-attur interpella lill-konvenut biex jizgombra mill-istess fond u jirrilaxxjah favur tieghu bhala 'running concern' flimkien mal-attrezzaturi kollha pero' dan irrifjuta;

"Illi b'sentenza moghtija minn din l-Qorti fis-26 ta' April 1983 il-konvenut gie kundannat jizgombra mill-fond fuq imsemmi u jirrilaxxja l-pussess tieghu favur l-istanti fi *zmien erba'* xhur mid-data tal-istess sentenza.

"Illi *nonostante* din is-sentenza l-imsemmi fond ma giex rilaxxjat favur l-istanti u b'hekk huwa qieghed isofri danni konsiderevoli billi qieghed jitlef introjtu billi ma jistax juzah u lanqas jikrieh kif ghandu kull dritt, l-istess attur talab illi l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti minnu minhabba li l-istess konvenut baqa' jipposjedi u naqas li jikkonsenja l-pussess tal-fond nru 76/77 South Street, Valletta lill-attur, liema danni jigu likwidati u l-istess konvenut kundannat ihallashom lill-attur;

"Illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' April 1983 il-konvenut Crispino Mangion awtur tal-konvenuti gie kkundannat li jizgombra mill-fond" imsemmi; u peress li fil-frattemp kien issulloka l-fond lill-terzi billi dan gie maqsum f' zewg fondi separati numerati

numri 76 u 77 u mikrija separatament lil zewg inkwilini b'kera u kondizzjonijiet indipendenti minn xulxin.

"Illi l-fond nru. 76 South Street, Valletta gie vvakat mill-inkwilin fis-26 ta' Mejju 1988 fil-waqt li l-fond numru 77 fl-istess triq gie rilaxxjat fit-30 ta' Settembru 1998 ghat-tenur u esekuzzjoni tas-sentenza tad-9 ta' Gunju 1998.

"Illi l-istanti thallas tad-danni mitluba in konnessjoni mal-fond numru 76 pero' ghadu sallum ma thallas kumpens ghal okkupazzjoni illegali tal-fond numru 77;

"Illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 1990 fl-ismijiet **"George Grixti vs Crispino Mangion"** (Citaz nru 547/88MB) dik il-Qorti illikwidat id-danni dovuti lir-rikorrent ghal okkupazzjoni indebita ta' dan l-ahhar fond bil-mod segwenti cioe' bir-rata ta' Lm1,003 fis-sena mis-26 ta' Mejju 1988 sad-data li effettivament l-attur jiehu pussess ta' dan il-fond;

"Illi kif inghad l-istanti ha pussess tal-fond fit-30 ta' Settembru 1998 u ghalhekk l-ammont dovut lilu bhala kumpens ikopri l-periodu 26 ta' Mejju 1988 - 30 ta' Settmebru 1998;

"Illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta dik is-sentenza setghet tigi esegwita l-attur, ipprezenta rikors fl-11 ta' Frar 1999 quddiem din il-Qorti fl-ismijiet "**George Grixti vs Josephine Micallef et"** (Rik numru 320/99) biex l-istess sentenza tigi reza esekutiva skont il-ligi;

"Illi dik il-Qorti b'decizjoni moghtija 2 ta' Frar 2000 cahdet dan ir-rikors; u

"Illi l-istanti appella minn din is-sentenza u l-Qorti tal-Appell b'sentenza moghtija fl-24 ta' Settembru 2004 ikkonfermat is-sentenza appellata u cahdet l-appell tar-rikorrent;

"Illi l-istanti ghadu sallum ma thallax il-kumpens dovut lilu kif huwa ntitolat ghalih skont is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Frar 1990 li ghaddiet in gudikat, huwa qieghed jistitwixxi din il-kawza ghal hlas tal-istess kumpens;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghal hlas ta' kumpens ghal okkupazzjoni indebita tal-fond numru 77, South Street Valletta kif fuq spjegata ghal periodu 26 ta' Mejju 1988 sat-30 ta' Settembru 1998 meta ha pussess tal-fond;

"2. Tillikwida d-danni dovuti ghall-istess periodu skont ir-rata stabbilita bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 1990.

“3. Tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu l-ammont li jigi hekk likwidat bl-imghax legali skont il-ligi.

“Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2004.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 23 ta’ Novembru 2004 (fol 10) fejn esponew: -

“1. Illi t-talba ghall-hlas hija preskritta ghat-tenur tal-Artikolu 2153 jew 2156(f) tal-Kodici Civili.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-eccipjenti m’humiex il-legittimi kontradditturi *stante* li huma, u l-awtur taghhom, ma kienux qeghdin jokkupaw il-fond numru 77, Triq Nofsinhar, Valletta fil-perjodu bejn is-26 ta’ Mejju 1988 sat-30 ta’ Settembru 1998.

“3. Illi b’riferenza ghat-tieni eccezzjoni, ghandha tigi msejha fil-kawza l-persuna li effettivament kienet qieghda tokkupa l-fond in kwistjoni, u cjoe’ Gulab Chatlani.

“4. Illi minghajr pregudizzju t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni

“ommisis

“**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“**Talba tal-atturi**

“Permezz tal-kawza odjerna, l-attur qed jitlob kumpens ghall-okkupazzjoni indebita tal-fond bin-numru 77, South Street Valletta ghal perjodu mis-26 ta' Mejju 1988 sat-30 ta' Settembru 1988. Din il-kawza tirraprezenta l-ahhar stadju f'*iter* procedurali twil ghar-ripresa pussess tal-fond in kwistjoni u ghall-hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni illegali. Fil-fatt dan il-fond, wara diversi sentenzi, u anke mandati ghall-izgumbrament kontra terz, eventwalment gie rilaxxjat fil-pussess tal-attur.

“Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza mhumiex ikkontestati. B'kuntratt in atti tan-Nutar John Micallef Trigona, tal-20 ta' Awwissu 1949, Anna Borg, l-awtrici tal-attur, ikkoncediet b'titolu ta' sullokazzjoni lil Crispino Mangion, l-awtur tal-konvenuti, il-fond numru 76/77, fi Triq Nofsinhar, il-Belt, flimkien mal-avvjament, permessi u attrezzaturi, ghall-perjodu stabbilit. Meta spicca t-terminu lokatizju, fl-1 ta' Gunju 1979, l-inkwilin irrifjuta li jikkonsenja l-pussess vakanti u l-esponent ottjena sentenza ta' zgumbrament kontra l-imsemmi Crispino Mangion fis-26 ta' April

1983 fejn il-Qorti tatu zmien erba' xhur biex jizgombra mill-istess fond. Izda Mangion kien qasam il-fond f'zewg entitajiet bin-numri 76 u 77, u issullokahom separatament, rispettivament lil certu Azzopardi u lil Gulab Chatlani.

"Filwaqt li l-attur irnexxielu jottjeni r-rilaxx tal-fond numru 76 fis-26 ta' Mejju 1988, u anke thallas kumpens ghall-okkupazzjoni indebita, il-fond numru 77 gie rilaxxjat fit-30 ta' Settembru 1998[1] u dan in segwitu ta' sentenza ohra tad-9 ta' Gunju 1998, izda ma thallas ebda kumpens ghall-okkupazzjoni illegali tal-fond.

"Fil-frattemp ukoll Mangion kien gie kkundannat ihallas lill-attur danni likwidati b'sentenza ohra tal-20 ta' Frar 1990 fl-ismijiet ***"George Grixti vs Crispino Mangion***" (Citazz. Nru. 547/88) deciza fl-20 ta' Frar 1990 u dan fl-ammont ta' Lm2,385, ikkalkolat ghall-perjodu mis-17 ta ' Frar 1984 sas-17 ta' Frar 1988 u Lm140 mis-17 ta' Frar 1988 sas-26 ta' Mejju 1988. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat.

"L-attur izda, baqa' ma pprocediex u s-sentenza tilfet l-effett ezekuttiv taghha. L-attur ipprezenta rikors fl-istess ismijiet (Rik.320/99) sabiex jirrendi s-sentenza esegwibbli, izda t-talba tieghu, kif dedotta, giet michuda kif ser jigi spjegat izjed 'il quddiem.

"F'din il-kawza ma tressqux xhieda imma saret riferenza ghas-sentenzi fuq citati bl-ismijiet **"*George Grixti vs Josephine Micallef* "***(320/99)* u **"*Grixti vs Mangion*"** (457/88) u l-atti taghhom gew allegati mal-atti tal-kawza odjerna skont verbal tal-1 ta Frar 2005[2].

"**Ikkonsidrat** li l-Qorti tal-Appell, fil-kawza **"*George Grixti vs Josephine Micallef et.*"** *(*deciz fl-24 ta' Settembru 2004)[3] qiset li l-Qorti, fis-sentenza tal-20 ta' Frar 1990 (Citazz. 547/88) illikwidat id-danni "*mis-26 ta' Mejju 1988 sad-data li effettivament l-attur jiehu pussess tal-fond numru 77 bir-rata ta' Lm1,003 fis-sena - cioe Lm2.74 kuljum, kurrenti - li pero' peress li l-kawza giet ipprezentata fis-27 ta' Mejju 1988 u kienet ghaddiet gurnata wahda biss - ta' dik il-gurnata Lm2.74c."* Ghalhekk ghalkemm hu minnu li dik il-Qorti iffissat id-danni fuq rata ikkalkolata *per diem*, xorta jibqa' il-fatt li l-Qorti ma kenitx ikkwantifikat l-ammont dovut sal-eventwali zgumbrament mill-imsemmi Mangion peress li din kienet ghadha ma avveratx ruhha ad eccezzjoni ta' dik gurnata wahda (li giet effettivament likwidata mill-Qorti tal-Kummerc). Ghalhekk kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell qablu li kellhom jigu intavolati proceduri *ex novo* ghal-likwidazzjoni tad-danni li sehhew <u>wara</u> l-ghoti tas-sentenza moghtija fl-20 ta' Frar 1990 in konnessjoni mal-izgumbrament tal-fond numru 77, Triq Nofsinhar, il-Belt, kif hekk ghamel l-attur permezz tal-proceduri odjerni.

---

[1] In segwitu ghall-sentenza ohra moghtija fil-kawza "***Chatlani vs Grixti***" deciza fid-9 ta' Gunju 1998.
[2] Vide Fol. 13 tal-process.
[3] Citazz. 320/99

“Ghalhekk kellha ssir din il-kawza fejn l-attur qed jitlob li d-danni dovuti ghall-perjodu msemmi fic-citazzjoni, jigu likwidati bir-rata stabbilita gja mill-Qorti ta' Lm2.74 ossia €6.38 kuljum, ammontanti b'kollox ghal Lm10,357 (26/5/88-30/9/88).

“Kontra t-talbiet attrici, il-konvenuti ressqu zewg eccezzjonijiet preliminari.

“Fl-ewwel lok eccepew il-preskrizzjoni *a tenur* tal-Artikolu 2153 jew 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“*Inoltre* eccepew li mhumiex il-legittimi kontradditturi peress li la huma u lanqas l-awtur taghhom kienu qed jokkupaw il-fond fil-perjodu in ezami. Jirrizulta mill-atti li l-partijiet qablu li, f'dan il-perjodu, il-fond kien okkupat minn Gulab Chatlani.[4] Jigi rilevat ukoll li t-talba sabiex jigi kjamat fil-kawza Gulab Chatlani giet michuda minn din il-Qorti kif diversament [5]presjeduta, *stante* li "m*a intweriex l-interess guridiku xieraq."*

“**Rigward it-tieni eccezzjoni,** jirrizulta mhux ikkontrastat li, fil-perjodu in kwistjoni, kien Gulab Chatlani li kien qed jokkupa l-fond 77 fi Triq Nofsinhar il-Belt. Madanakollu kien l-awtur tal-konvenuti li kien gie ordnat li jizgombra l-fond permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' April 1983 kif fuq premess u li ghalhekk kien fl-obbligu li jirrilaxxja l-fond a favur tal-attur *entro* t-terminu lilu prefiss minnkejja u *nonostante* li l-fond kien gie okkupat minn terz. Isegwi ghalhekk li l-awtur tal-konvenuti, u per konsegwenza, il-konvenuti odjerni li huma l-unici eredi tieghu, kien responsabbli ghad-danni kollha subiti mill-attur minnhabba n-nuqqas ta' konsenja tal-pussess tal-fond skont kif gie lilu ordnat. Kif inhu risaput, mat-terminazzjoni tal-lokazzjoni, jispiccaw awtomatikament is-sullokazzjonijiet li kienu dipendenti fuqha u li ma kienux rikonoxxuti mil-lokatur jew is-sid.

“**Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni ssollevata mill-konvenuti ma tistax tigi milqugha.**

“Illi din il-Qorti ghandha issa tiddeciedi jekk l-azzjoni odjerna hija preskritta skont id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 2153 jew 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

“**L-Artikolu 2153** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li ***"****L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn****"***

“Illi hu pacifiku li dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2153** tal-Kap. 16, din tapplika ghall-azzjoni ta’ danni *ex delicto vel*

[4] Verbal a fol. 14 tal-process.
[5] Digriet a fol. 13 tal-process.

*quasi* mhux ikkagunati b'reat u mhux ghal danni allegatament ikkagunati minhabba nuqqas kuntrattwali. **"Mary Cutajar vs Nicholas Ellul"** P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002, **"John Grech vs Ivan Mifsud et."** P.A. (JRM) 1 ta' Jannar 2003.

"Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-**art.2154(1)** tal-Kap.16); (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk imsejha *culpa aquiliana*), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-**artikolu 2153** tal-Kodici Civili; u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin;

"Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali;

"Kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Giuseppa Camilleri et. vs Dr. Francesco Frendo** [6]**"***sarebbe un interpretazione estensiva, non giustificabile ne' con leggi positive, ne' con principii razionali, di estendere l'applicazione di quell'articolo a ogni caso di domanda di indennita' per violazione o inadempimento di contratto."*

"Illi, madankollu, mhux kull hsara li ggarrab persuna minn ghemil jew nuqqas ta' haddiehor waqt it-twettieq ta' kuntratt tikkostitwixxi htija kuntrattwali:[7] izda biex tkun htija akwiljana, kif imfisser hawn fuq, jehtieg jintwera li l-ghemil li minhabba fih issir il-hsara jkun ghal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla mill-kuntratt;

"Il-Qorti jidhrilha li l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 ma hija applikabbli ghall-kaz odjern u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-3 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet '**Patrick Staines noe vs Charles u Emanuel Falzon noe'** (Citazz. Numru 1316/1993TM) fejn gie deciz li l-preskrizzjoni ta' sentejn m'hijiex applikabbli ghall-azzjonijiet fejn ikun qed tintalab hlas ghall-okkupazzjoni illegali. *Inoltre* ssir referenza wkoll ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta, tal-31 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet '**Perit Edwin Calleja *pro et nomine* vs Joseph Said et'** (Citazzjoni Numru 1357/1999) fejn gie stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli ghal talbiet ghall-hlas ghall-okupazzjoni illegali hija dik stipulata fis-subinciz (f) tal-Artikolu 2156. F'din l-ahhar sentenza gie stabbilit ukoll li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata**. L-Artikolu 2137 tal-Kap**. **16**

---

[6] App.Civ. Dec. fit-22 ta' Frar 1989 presjeduta minn Sir. Adriano Dingli.
[7] "***Busuttil -v- Schembri*** dec. fid-19 ta' Frar 1954, ( App.Civ. XXXVIII-I-ii-292)

**tal-Ligijiet ta' Malta** jistabilixxi li l-perijodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dakinhar li l-azzjoni relattiva tkun tista' tigi ezercitata (ara *Laurent "Diritto Civile*" Vol. 22 para. 16).

"**Skont l-artikolu 2156(f)** tal-Kap.16 li japplika l-preskrizzjoni kwinkennali jipprovdi li:

> "(*f*) *l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*;

"Hu risaput li l-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva. (Ara kawza fl-ismijiet **Ralph Naudi, Francis Micallef u William Mock vs Maltacom p.l.c.** PA 9-Nov-2001, u **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Dismar Co. Ltd.** PA 12-Ott-2004, u **Baudry-Lacantinerie et Tissier** fit-trattato" *Teorico Pratico di Diritto Civile Vol XXVIII, 'Della Prescrizione'* Par. 712).

"Fil-kawza, **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, inghad li: "*fejn fl-artikolu 2156(f) jinghad 'ghall-hlas ta' kull kreditu iehor……' dik il-kelma 'iehor' turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun* ***eiusdem generis*** *skont ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza."* U f'din il-kawza saret referenza wkoll ghal **Spiteri vs Petrococchino et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar 1919.

"Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) hija soggetta ghal interpretazzjoni ***eiusdem generis***. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' ***eiusdem generis***, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 2156. F'dan il-kuntest, ta' min jghid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare*, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.

"Fil-fatt, fil-kawza **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fid-19 ta' Ottubru 1954, inghad li:

> "*….jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus*."

> "*Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus….*"

"Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali.

"Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. (Ara wkoll **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.** PA 12-Ott-2004).

"Il-preskrizzjoni itwal regolata bl-artikolu 2156(f) tapplika ghalhekk ghal kaz in ezami billi d-danni reklamati mill-attur m'humiex dawk ta' natura akwiljana.

"Illi hu stabbilit ukoll li f'kaz fejn jigi allegat li l-hsara tnisslet minn nuqqas ta' xi parti li twettaq l-obbligazzjonijiet taghha fuq kuntratt, iz-zmien tal-preskrizzjoni ta' hames snin jibda ghaddej minn dak inhar li ssehh il-hsara, izda mhux minn dak inhar li l-imgarrab intebah bil-hsara li gratlu;

"Infatti fis-sentenza **"John Bugeja vs Joseph Gauci"** (P.A. (JRM) – 28 ta' Novembru 2002 - Cit Nru: 1603/01/JRM) intqal li:- " *Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima* li '*actioni non natae non praescribitur*'. *L-awturi* ***Baudry, Lacantinerie u Tissier*** *f'dan ir-rigward jghallmu li*: *"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere..."*[8] Izjed 'il quddiem izidu jghidu illi *'La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale."*[9]

"Skont dik is-sentenza "*Illi gie stabbilit ukoll li, ghall-finijiet tal-****artikolu 2137,*** *iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda tiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn x'jahseb l-imgarrab, u li, certament, in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi m'huwiex raguni tajba biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel* "(**Alfred Delia vs John Testaferrata Abela** (P.A. 25 ta' April 1964 - Kollez. Vol XLVIII.ii.959).

Illi mbaghad fis-sentenza **"Mario Testa vs Alfred Theuma"** (A.I.C. (PS) – 12 ta' Mejju 2003) inghad li:-

> "*"Kif jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet* ***"Diego Attard et noe vs Angelo Fenech",*** *Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965, 'l-impossibbilta' li wiehed jagixxi trid tkun impossibbilta' ndipendenti mill-*

---

[8] "*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione "Cap XII, par 364 pag.279.*"

[9] *Op. Cit. Par 393 bis, pag 306.*

*volonta' tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisha, mhix impediment ta' din ix-xorta".*

"*Fl-istess sens vide id-decizjoni fl-ismijiet **"Paolo Koludovich vs Carmelo Muscat",** Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1959, u **"Joseph Chircop et vs Salvatore Muscat noe",** Appell, 28 ta' April 2000".*

"Fil-kaz "***Albert Mizzi noe vs Anthony u Victoria mizzewgin Cauchi"*** *(PA 31.5.2007)* surriferit, il-Qorti rriteniet li "*l-principju ta' preskrizzjoni u l-applikabbilta` tieghu huwa mibni fuq "inerzia del titolare del diritto soggettiva"* **Manuale di Diritto Privato – Andrea Torrente Piero Schlesinger –** para 86) u illi ghalhekk "*il-preskrizzjoni kellha u ghandha tibda tiddekorri mid-data ta' l-allegata inadempjenza*."

"Illi, hu x'inhu l-ghan tal-preskrizzjoni invokata jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet ghaddejja, u l-eccezzjoni ghandha tigi michuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal- process dik id-data ma tkunx tista' tigi stabbilita.

"**Ikkonsidrat** li l-kawza odjerna giet ipprezentata fid-19 ta' Ottubru 2004 filwaqt li Crispino Mangion, l-awtur tal-konvenuti, gie kkundannat li jizgombra mill-fond 77 fi Triq Nofsinhar il-Belt, Valletta fl-26 ta' April 1983. Meta gie hekk ordnat, u allura gie rikonoxxut lill-attur il-jedd tieghu li jottjeni tali zgumbrament, twieldet l-obbligazzjoni tas-subinkwilin li jhallas id-danni *ossia* kumpens ghall-okkupazzjoni illegali tieghu. Twieled ukoll ir-relattiv dritt ta' l-attur biex jagixxi kontra tieghu fuq din il-kawzali. Fil-fatt sussegwentement adixxa lill-Qrati taghna sabiex jigu likwidati d-danni sofferti b'kawza fl-ismijiet ***George Grixti -v- Crispino Mangion*** (Cit.547/88) deciza fl-20 ta' Frar 1990.

"Il-kawzali odjerna hija wahda ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta` u likwidazzjoni ta' danni ghall-perijodu mis-26 ta' Mejju 1988 sat-30 ta' Settembru 1998. Ma hemm ebda dubju li l-perjodu preskrittiv rigward din il-kawzali kien gja skada qabel ma gew ipprezentati dawn il-proceduri u ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156(f) ghandha tigi milqugha.

"**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tilqa'** l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tichad** it-talbiet attrici in kwantu preskritti *a tenur* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici CIvili ta' Malta.

"L-ispejjez jithallsu mill-attur".

Minn din is-sentenza appella allura l-attur li talab ir-revoka taghha u li l-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu; l-appellati talbu l-konferma tas-sentenza izda interponew appell incidentali fejn talbu r-revoka tal-parti tas-sentenza li permezz taghha l-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni taghhom u cioe` li mhumiex il-legittimi kontradittAuri.

Il-Qorti se tiddisponi l-ewwel mill-**appell incidentali** peress li ovvjament jekk tilqa' dan l-appell, ma jkunx hemm lok ghal deliberazzjoni ulterjuri.

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti, taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti fir-rigward. L-appellanti kellhom relazzjoni guridika diretta biss mal-appellanti incidentali u ma hadd aktar. Infatti kien l-awtur ta' dawn tal-ahhar li dahhal lil terz fil-fond inkwistjoni u kien minhabba r-rifjut tal-istess terz li jirrilaxxah meta t-titolu tal-awtur tal-appellanti incidentali skada li wassal ghal dawn il-kawzi kollha. Oltre dan, il-kawzi li wasslu ghal din il-kawza kienu kollha appuntu bejn l-appellant u Crispino Mangion.

Kwantu ghall-appell principali l-appellant mhux qed jikkontesta li f'dan il-kaz tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin imsemmija (ara fir-rigward is-sentenza **Schembri v. Zahra**, Prim'Awla, 29 ta' April 2005 u r-riferenzi li hemm fiha) izda qed jibbaza l-appell tieghu fuq il-fatt li skont hu, ma setax jipproponi din il-kawza qabel ma giet deciza l-kawza li kienet giet

deciza fl-2004 u cioe` biex jesegwixxi sentenza precedenti li kienet giet deciza favur tieghu fil-kuntest ta' talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilità ta' danni li sofra minhabba l-okkupazzjoni illegali tal-istess fond.

F'dan il-kuntest l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 kjarament jiddisponi illi "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*"*.*

Kif jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet **Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech**, Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965, "*l-impossibilta` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nfisiha, mhiex impediment ta' din ix-xorta*"*.*

Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet **Paolo Koludrovich v. Carmelo Muscat**, Appell Kummercjali, 1 ta' Gunju 1959 u **Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat noe**, Appell, 28 ta' April 2000.

Dawn il-hsibijiet kollha wiehed isibhom fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Testa v. Alfred Theuma et** (Appell Inferjuri, 12 ta' Mejju 2003).

L-appellant fir-rikors tal-appell isostni li peress li l-kawza li huwa fetah fl-11 ta' Frar 1999 (wara li Chatlani ivvaka l-fond f'Settembru 1998) giet deciza mill-Qorti tal-Appell f'Settembru 2004, (u dan bic-cahda finali tat-talba tieghu biex jesegwixxi s-sentenza tal-1990), allura ma kienux ghaddew hames snin minn dakinhar u cioe` Settembru 2004. L-argument tieghu allura huwa li l-kawza fetahha xahar biss wara li giet deciza b mod definittiv dik il-kawza.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan. Anke jekk wiehed jiehu d-data ta' Settembru 1998 u cioe` meta d-danni waqfu ghaliex il-fond gie vakat, kienu ghaddew aktar minn hames snin meta l-appellant istitwixxa dawn il-proceduri u l-appellant ma gab l-ebda raguni valevoli ta' xi sospensjoni tal-preskrizzjoni jew ta' att interuttiv taghha. Lanqas ta' xi rinunzja ghall-istess preskrizzjoni eccepita. Kif lanqas ma jista' fil-kaz konkret jistrieh fuq l-aforizma "*contra non valentem agere non currit prescriptio*". Principju li kif akkolt mill-gurisprudenza taghna jaghti lok ghal konservazzjoni tal-jedd kontra l-estinzjoni tal-azzjoni fil-kaz ta' impediment ta' dritt. Skont l-insenjament tal-**Giorgi** ("Obbligazione" Vol. VIII p594) l'"*initium praescriptionis*" jibda mill-"*exordium obligationis*", cjoe minn meta l-kreditu jibda jsir esigibbli. (**Testa v. Theuma et**, supra).

Hekk per ezempju jissucciedi fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor, li sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perijodu preskrittiv jibda u jibqa' miexi. Ara fir-rigward sentenzi fl-ismijiet **Caterina Gerada et v. Dr. Antonio Caruana noe**, Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1969; **Bartolomeo Xuereb v. Carmelo Zammit**, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994 u **P.L. John Privitera nomine v. P.L. Ivo Galea et**, Appell, 1 ta' Dicembru, 2000. Dan mhux il-kaz fil-kawza odjerna ghaliex l-appellant seta' jipprocedi ghad-danni minn Settembru 1998 u din il-kawza istitwiha f'Ottubru 2004 u kwindi sitt snin wara. Il-fatt li beda proceduri ohra illi rrizultaw zbaljati mhumiex ta' ghajnuna ghalih. Fil-kaz prezenti ghalhekk ma niltaqghu ma l-ebda kawza oggettiva ta' sospensjoni tal-preskrizzjoni bhal dawk fuq ezemplifikati. Id-decizjoni fil-kawza msemmija deciza fl-2004 ma ghandha l-ebda rilevanza ghal meta l-appellant kreditur seta' jintavola l-azzjoni tieghu, u konsegwentement ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell principali billi tichdu u tichad ukoll l-appell incidentali – kwindi tikkonferma interament is-sentenza appellata. L-ispejjez tal-appell principali a kariku tal-appellant

principali, dawk tal-appell incidentali a kariku tal-istess appellanti incidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb